**18 ta' Novembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Ebejer

**Serq — Approprijazzjoni ta' Oġġetti Mitlufa — Art. 354(c) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Hu prinċipju minn żmien adottat fil-ġurisprudenza maltija, illi min japproprija ruħu minn oġġett li jkun sab f'ċirkustanzi tali li juru li dak l-oġġett għandu sidu u ma ġiex abbandunat, li ma hux, ċjoè, la "res nullius" u lanqas "res derelicta", jikkommetti serq ta' dak l-oġġett.*

*Dan ir-reat ma jikkostitwix il-kontravvenzjoni ta' min isib ħwejjeġ li jkunu naqsu lil xi persuna, jew li din tkun tilfet u ma jgħarrafx bihom fi żmien tliet ijiem lill-Pulizija Eżekuttiva; imma hu reat ta' serq.*

*Imma għall-integrazzjoni ta' dan ir-reat mhux biżżejjed l-element tan-nuqqas tal-konsenja tal-ħaġa misjuba lill-Pulizija fiż-żmien preskritt mill-liġi, "stealing by finding". imma jeħtieġ ukoll li miċ-ċirkustanzi tirriżulta l-intenzjoni tal-approprijazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tal-attijiet tal-kumpilazzjoni, taż-17 ta' Awissu 1961, fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tiddeċidi dwar l-imputazzjoni li l-imsemmi Ebejer, fl-Imsida, fl-14 ta' Mejju 1961, ikkommetta serq ta' arloġġ tal-idejn, li l-valur tiegħu hu aktar minn £3 iżda anqas minn £20 bi ħsara ta' Carmelo Zammit — serq aggravat bil-kwalifika tal-post;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Awissu 1961,

li biha sabet lil-imputat ħati ta' serq sempliċi ta' arloġġ li jiswa £3.14.0 billi l-imputat kien sab dan l-arloġġ u naqas li jikkonsenjaħ lill-Pulizija fiż-żmien rikjest mill-liġi, u kkundannatu għall-piena ta' xahrejn lavori forzati;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat; u in subordine, talab li jiġi lilu akkordat li jitqiegħed taħt "probation" għas-sens tal-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti sabet l-appellant ħati ta' serq sempliċi, għaliex forsi b'ċerta doża ta' ġenerożità, aċċettat il-versjoni tiegħu li dan l-arloġġ tal-idejn hu kien sabu aċċidentalment, u għalhekk applikat il-prinċipju, li minn żmien ġie adottat fil-ġurisprudenza maltija, fis-sens illi min jappropria ruħu minn oġġett li jkun sab f'ċirkustanzi tali li juru li dak l-oġġett għandu sidu u ma ġiex abbandunat, li ma hux, ċjoè, la "res nullius" u lanqas "res derelicta", jikkommetti serq. Dan il-prinċipju, bażat fuq l-insenjamenti tar-Renazzi, Lib. IV, Parte IV, Cap. II, 33, taċ-Chaveau et Helie, Vol. II, Cap. 54, sez. 1, u fuq deċiżjoni tal-Qorti tal-Cassazione Taljana, ġie kemm il-darba affermat mill-Qrati ta' Malta (ara App. Krim. "Pul. vs. Spiteri", 22 Ottubru 1902, fejn ġiet konfermata sentenza tal-Maġistrat Dr. Pasquale Frendo Azzopardi; "Pul. vs. Filippo Magri" (Pres. Carbone), 6.2.1909, Kollez. Vol. XX, P. IV; u Qorti Kriminali "Rex. vs. Williams", 4 Nov. 1941 (Pres. Borg, Imħallfin Dr. Ganado u Dr. (imbagħad) Sir Luigi Camilleri); "Rex. vs. William Leatham, 1 ta' Lulju 1941 (Pres. Borg, Imħallfin Dr. (imbagħad) Sir Luigi Camilleri u l-Imħallef il-lum sedenti). L-istess prinċipji, "a quanto pare", hu anki adottat fis-sistema ġuridika ngliż (ara Harris & Wilshere, p. 255);

Din il-Qorti, hi x'inhi l-opinjoni tagħha dwar l-apprezzament tal-provi sejra ssegwi l-Ewwel Qorti filli taċċetta l-versjoni tal-appellant, in vista tal-konsiderazzjoni li

fuq appell tal-imputat il-pożizzjoni tiegħu (meno f'ċerti każijiet stabbiliti fil-liġi) ma tistgħax tiġi peġġjorata;

L-appellant, però, ma kienx kuntent li l-Ewwel Qorti aċċettat il-versjoni tiegħu, u issa jrid li hu jiġi, se maj, misjub ħati biss tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-art. 354(c) tal-Kodiċi Kriminali, li tgħid hekk:— "Huwa ħati ta' kontravvenzjoni...... (c) kull min, meta jsib ħwejjeġ li jkunu naqsu lil xi persuna, jew li din tkun tilfet, ma *jgħarrafx bihom fi żmien tliet ijiem lill-Pulizija Eżekuttiva*";

Id-deduzzjoni tal-appellant hi daqsxejn azzardata. Infatti, ma tista' qatt tiġi nvokata l-kolpabbilità taħt dik il-kontravvenzjoni, meta miċ-ċirkustanzi jirriżulta li l-imputat wera li ried japproprija ruħu mill-ħaġa li jkun sab (Crivellari para. 98, Vol. VIII). F'dan il-każ, l-intenzjoni hi ovvja; mhux biss għaliex, "ex confessis", l-arloġġ kien fil-pussess tal-appellant diġa' erbatax jew ħmistax il-ġurnata almenu, (u jingħad "almenu" għax il-Maġistrat segwa beninjament il-versjoni tal-imputat, għaliex kieku, diversament, kien ikun ilu għandu kważi xahar u nofs), imma, oltre dan, jirriżulta li l-appellant, li kien qed jilbes dan l-arloġġ, meta ġie mistoqsi mill-uffiċjali tal-Pulizija, qalilhom, in risposta għad-domanda tagħhom kif kien ma kienx ikkonsenja l-arloġġ lill-Pulizija, illi hu kien tilef ħafna affarijiet u ħadd ma kien tahomlu lura; u żied jgħid illi hu kien bi ħsieb jżommu sakemm jinqala' sidu. Dawn ma humiex "per meno dire", il-kliem ta' min, per sempliċi smemoratezza jew traskuraġni, iħalli jgħaddi t-terminu ta' tliet ijiem bla ma javża lill-Pulizija, imma huma l-kliem ta' min irid japproprija ruħu mill-arloġġ li sab (jekk sabu biss);

Għalhekk kien hemm l-intenzjoni tal-approprijazzjoni tal-ħaġa misjuba; u din il-Qorti tirrileva li l-aħħar parti tad-dikjarazzjoni ta' reità, kif espressa mill-Ewwel Qorti, bir-rispett kollu għad-deċiżjoni ta' prima istanza, hi monka; *għaliex donnha qegħdha tirritjeni li hu bizzejjed* għar-reat ta' "stealing by finding" l-element tan-nuqqas tal-konsenja tal-ħaġa misjuba lill-Pulizija fiż-żmien pre-

skritt mill-liġi, mentri jeħtieġ ukoll għal dak ir-reat li miċ-ċirkustanzi tirriżulta l-intenzjoni tal-appropri jazzjoni;

Kwantu għat-talba subordinata tad-difiża, dan, fiċ-ċirkustanzi kollha tiegħu, ma hux każ li jirrakkomanda ruħu għal "probation order". Kwantu għall-piena, kunsidrat il-maximum tal-liġi (sitt xhur), u kunsidrata l-fedina penali tal-imputat fol. 3, li turi ċerta refrattarjetà, din ma hix affattu oppressiva;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.